**27 ta' Mejju, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Evelyn Spiteri

*versus*

Anthony Spiteri

**Separazzjoni personali — Kommunjoni tal-akkwisti — Xoljiment ta' — Talba għall-**

*Minn jitlob is-separazzjoni personali għandu d-dritt jitlob x-xoljiment tal-kommunjoni tal-akkwisti eżistenti b'azzjoni separata, purke dik timxi konġunta ma l-azzjoni għas-separazzjoni personali.*

Il-Qorti, rat l-att ta-ċitazzjoni li bih l-attriċi wara li ppre-

*mettiet illi b'ċitazzjoni numru 429 tas-sena 1961 hija qiegħda* titlob is-separazzjoni personali minn żewġha għall-kawżi hemm indikati, u li għandha nteress li tiġi dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti, u *tikkonsegwixxi sehma llum minn* dik il-komunjoni, u li l-kawżi li għalihom qiegħda titlob is-*separazzjoni jintitulawha li tagħmel* dina t-talba, talbet li — wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa — (1) *tiġi dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti* eżistenti bejn il-kontendenti; (2) tiġi likwidata l-istess komunjoni *billi tkun dikjarata tikkonsisti f'dawk il-beni kollha li jir*-riżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (3) dina l-komunjoni hekk likwidata tiġi maqsuma f'żewġ porzjonijiet xorta, li waħda minnhom *tiġi assenjata lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut;* (4) jiġu nominati perit legali biex jagħmel l-imsemmija likwidazzjoni u diviżjoni, Nutar biex jippublika l-att relattiv u kuraturi biex jirrappreżentaw il-kontumaċi. *Bl-ispejjeż kontra* l-konvenut;

Rat id-degriet tal-għoxrin (20) ta' Settembru, 1962 li bih, fuq talba ta' l-attriċi ġie ordnat li dina l-kawża tiġi trattata flimkien mal-kawża tas-separazzjoni bejn il-kontendenti;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li dina l-kawża jmissa saret jekk u wara li l-attriċi tottjeni eżitu *favorevoli* fil-kawża tas-separazzjoni; jekk l-attriċi tottjeni eżitu sfavorevoli din il-kawża qatt ma kienet issir; jekk tottjeni eżitu favorevoli. l-eċċipjent kien imissu jkollu l-opportunità li jaċċetta jew li x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti *u mhux indaħħal fi spejjeż inġenti* ta' kawża oħra;

Rat id-degriet tas-sitta u *għoxrin (26) ta' Jannar 1963* li bih fuq talba tal-attriċi ġie nominat sekwestratarju ġudizzjarju, u l-provvedimenti mogħtija in segwitu, fuq talbiet appositi, in konsegwenza ta' dina n-nomina;

Rat l-atti tal-kawża l-oħra riferita tant fiċ-ċitazzjoni kemm *fin-nota tal-eċċezzjonijiet* fl-istess ismijiet ta' llum u deċiża llum stess qabel il-preżenti;

*Eżaminat il-proċess kollu* u *semgħat it-trattazzjoni orali;*

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni preżenti m'hiex ħlief parti mill-azzjoni ntentata bl-att taċ-ċitazzjoni *l-ieħor li bih l-attriċi* talbet is-separazzjoni personali tagħha mill-konvenut u infatti, diversi drabi, *id-domandi preżenti jinsabu akkumulati f'kawża waħda li tik*kontjeni wkoll id-domandi tal-kawża l-oħra. Fil-fatt il-konvenut ma oppona ebda eċċezzjoni kontra l-istanza preżenti għalkemm semma *li kien ikun aħjar li wieħed stenna* l-eżitu tal-kawża l-oħra u li anke, f'dana l-każ, hu suppost ikollu l-opportunità jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu; dana però ma jfissirx li b'hekk ingħatat xi eċċezzjoni ta' ntempestività u fil-fatt hu evidenti li in vista tad-domandi preżenti l-attriċi setgħet *tieħu passi prekawzjonali in* aġġunta ma dawk bażati fuq id-domandi tal-kawża l-oħra u kwindi hi kellha d-dritt li tagħmel dina l-kawża wkoll, salv li din issegwi u timxi mal-*oħra, kif effettivament sar. Anke d-deċiżjoni preżenti trid is*segwi dak li ġara fil-kawża l-oħra u fuq l-iskorta tad-deċiżjoni l-oħra;

Ikkunsidrat;

Illi fil-kawża l-oħra l-konvenut ġie dikjarat dekadut minn dak s-sehem li kien imissu mill-akkwisti li setgħu saru prinċipalment bil-ħidma ta' l-attriċi, oltre dan, skond il-liġi, nonostante li l-komunjoni ta' l-akkwisti tkun ġiet kuntrattata formalment b'att notarili, il-Qorti tista', *skond iċ-ċirkostanzi, tittermina dina l-istess komunjoni, fuq domanda ta' xi waħda* mill-partijiet wara li tkun ingħatat is-sentenza tas-separazzjo-

*ni personali, jew tirregola l-parteċipazzjoni fl-istess akkwisti.* Iċ-ċitazzjoni preżenti tal-attriċi għax-xoljiment tal-komunjoni għandha tittieħed bħala domanda f'dana s-sens da parti tagħha, fejn hi stess qegħda tissottometti li għandu jkun hemm ir-reċiproċità bejnha u żewġha dwar l-akkwisti futuri fis-sens li dawn ikunu jappartjenu biss lil min minnhom ikun kisibhom, bl-esklużjoni ta' l-ieħor; dana naturalment jimplika li hemm *lok għal-likwidazzjoni* u qasma *tal-akkwisti li saru sat*-terminazzjoni tal-komunjoni, kif mitlub;

Illi in vista taċ-ċirkostanzi riżultati, fosthom is-safar tal-konvenut, il-Qorti hi tal-fehma li hu anke fl-interess ta' l-attriċi li jsir kif hi qegħda titlob.

Għal dawna l-motivi:

Il-Qorti tipprovdi għalissa fuq id-domandi attriċi billi tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara xjolta bejn il-kontendenti b'effett m'illum il-komunjoni ta' l-akkwisti bejniethom kuntrattata in atti Nutar Dottor Vincenzo Maria Pellegrini tas-sbatax (17) ta' Ġunju, 1960, u tiddiferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni fuq id-domandi l-oħrajn għas-seduta tat-tletin (30) ta' Mejju, 1963. L-ispejjeż ta' dina d-deċiżjoni jibqgħu riservati għas-sentenza finali.